MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 463/2011

**Roosendaal Hotels Limited**
**C-3112**

**vs**

**Palm Court Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi nhar l-1 ta' April 2008 sar ftehim bejn il-partijiet fejn is-socjeta' attrici accettat illi tikri kmamar mill-lukanda bl-isem Hotel Plevna, Hughes Hallet Street, Sliema fuq l-inkarigu tas-socjeta' konvenuta – kopja tal-korrispondenza relattiva hija hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok.A;

Illi tenut kont ta' dawn is-servizzi illi gew rezi bejn it-30 ta' Settembru, 2008 u t-2 ta' April, 2009, is-socjeta' konvenuta kellha thallas l-ammont totali ta' elfejn u [zewg]

Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,002.41c) lis-socjeta’ attrici kif jirrizulta mill-*invoice* relattiv illi kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok.B; Illi minkejja illi s-socjeta’ attrici interpellat lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas id-dejn taghha ripetutament u sahansitra permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta ai termini ta’ l-Artikolu 166 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 28 ta’ Dicembru 2010, is-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont pendenti, u sahansitra cahdet illi hija ghandha taghti xi flus lis-socjeta’ attrici; Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn u zewg ewro u wiehed u erbghin centezmu (€ 2,002.41) kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Dicembru, 2010 u bl-interessi legali ossia dawk ta’ natura kummercjali ai termini ta’ l-Artikolu 26C tal-Kodici Kummercjali mis-26 ta’ Novembru, 2010 ossia gheluq ix-xahar minn meta kellu jsir il-hlas sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta, illi tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante (a) li s-socjeta’ intimata qatt ma ghamlet ebda ftehim mas-socjeta’ attrici u ghalhekk l-istess socjeta’ mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici. Illi l-istess dokumenti esebiti mis-socjeta’ attrici jixhdu dan (b) Illi bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ konvenuta ma’ ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici.

Ra n-nota li giet ipprezentata mis-socjeta’ konvenuta, datata 25 ta’ Ottubru, 2011, li b’referenza ghall-ewwl eccezzjoni sollevata minnha, ddikjarat illi l-legittimu kontradittur hija s-socjeta’ Malta Bargains Limited.

Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta’ konvenuta illi m’hix il-legittimu kontradittur.

Ikkunsidra,

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta’ konvenuta ta’ bilanc minn somma akbar relattiv ghal servizzi illi gew rezi fil-perjodu bejn it-30 ta’ Settembru, 2008 u t-2 ta’ April, 2009. Illi da parti taghha, is-socjeta’ konvenuta qed tikkontendi illi m’hix il-legittimu kontradditur, u li ghalhekk ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi f’dan ir-rigward, is-socjeta’ konvenuta tikkontendi illi l-ftehim li sar mas-socjeta’ attrici kien sar mis-socjeta’ estera Malta Bargains Limited, li hija rregistrata gewwa l-Ingilterra. Illi dan huwa sostanzjat minn skrittura datata 1 ta’ Gunju, 2007, li tinsab a fol. 17 *et seq*. tal-atti, li giet redatta bejn is-socjeta’ attrici u “Malta Bargain Holidays”. Illi tali skrittura kienet tapplika u relattiva ghall-perjodu ta’ bejn l-1 ta’ April, 2008 u l-31 ta’ Ottubru, 2008. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, u cioe’ Robert Borg, iddikjara illi s-socjeta’ estera Malta Bargains kellha ufficju gewwa l-lukanda Palm Court, u jsostni illi s-socjeta’ konvenuta m’hix responsabbli ghall-hlas ta’ xoghol li kienet tippartecipa fih is-socjeta’ Malta Bargains.

Illi da parti taghha, is-socjeta’ attrici ssostni illi l-fatturi relattivi ghas-servizzi rezi mis-socjeta’ attrici dejjem inhargu f’isem is-socjeta’ konvenuta – u mhux Malta Bargain Holidays – u li anke l-pagamenti gew imwettqa mis-socjeta’ konvenuta, u dan kif jirrizulta minn diversi dokumenti li jinsabu a fol. 21 sa 39 tal-atti.

Ikkunsidra,

Illi l-iskrittura li gietipprezentata mis-socjeta’ attrici hija relattiva ghall-perjodu bejn il-bidu ta’ April 2008 u l-ahhar ta’ Ottubru 2008, filwaqt illi fl-avviz tat-talba s-socjeta’ attrici tghamel referenza ghal ftehim datat l-1 ta’ April, 2008, u qed titlob hlas ghal servizzi rezi bejn it-30 ta’ Settembru, 2008 u t-2 ta’ April, 2009. Illi fl-iskrittura tal-1 ta’ Gunju 2007 kien iffirma Robert Borg ghan-nom ta’ Malta Bargain Holidays, li l-indirizz taghha gie indikat bhala Rizzi Street, Qawra. Illi f’din l-istess skrittura m’hemm ebda indikazzjoni ghall-fatt illi s-socjeta’ hemm

indikata hija socjeta' estera, u wisq anqas ma gie indikat l-indirizz taghha barra minn Malta. Illi l-indirizz li gie indikat fuq din l-iskrittura jidher li huwa tas-socjeta' konvenuta, in kwantu huwa l-istess bhal dak riportat fuq l-avviz tat-talba. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kkonferma illi s-socjeta' estera kienet topera, lokalment, minn gewwa l-lukanda Palm Court, li jdher li hija gestita mis-socjeta' konvenuta.

Illi mill-fatturi li gewipprezentati mis-socjeta' attrici, relattivi ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta qabel dawk li huma l-mertu ta' din il-kawza, jirrizulta illi tali fatturi kienu qed jinhargu f'isem "Bargain Holidays, Palm Court Limited, Palm Court Hotel, Tamar Street, Qawra", filwaqt illi c-cheques li kienu qed jintbaghtu in linea ta' pagament, kienu qed jinhargu mis-socjeta' konvenuta, akkumpanjati minn *remittance advice* tal-istess socjeta' konvenuta. Illi dan kollu, partikolarment il-hlas kif imwettaq, jikkostitwixxi accettazzjoni u rikonoxximent ta' ness kummercjali – u konsegwentement guridiku – bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici.

Illi kemm-il darba ma kien hemm ebda konnessjoni bejn is-socjetajiet kontendenti, allura kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li tikkjarifika l-posizzjoni taghha mas-socjeta' attrici, partikolarment meta giet biex twettaq il-hlas. Illi anke mill-ispjegazzjoni li ta r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, Robert Borg permezz tal-affidavit tieghu (specifikament paragrafi 16, 17 u 18 tal-istess), iwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinzjoni aktar qawwija illi hemm ness guridiku bejn il-partijiet kontendenti, u dan fid-dawl tal-fatt illi kif spjega l-istess direttur tas-socjeta' konvenuta, istituzzjoni bankarja lokali "*...gieghel lil Palm Court Limited tidhol fi ftehim biex thallas il-kredituri ta' Malta Bargains....*". Illi dan isahhah ulterjorment il-konvinzjoni illi s-socjeta' konvenuta kienet qedha tagixxi flimkien ma', jew bhala forma ta' garanti, tas-socjeta' estera. Illi jsegwi ghalhekk illi b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 115 (2) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' konvenuta hija fi kwalunkwe kaz tenuta illi taghmel tajjeb ghad-debiti ta' Malta Bargain Holidays fil-konfront tal-kredituri taghha, inkluz is-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk u in bazi ta’ dawn il-fatturi, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta hija legalment u fattwalment insostenibbli, u ghalhekk qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta’ konvenuta li m’hix il-legittimu kontradittur, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza.

Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------